**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 24 - L-ERBGĦA 24 TA' FRAR 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-18:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier (permezz ta' zoom) |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* kemm fuq l-internet kif ukoll fuq il-paġna ta' *Facebook.*

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa lill-Kunsill li ma kienx hemm apoloġiji. Huwa informa wkoll li l-Kunsillier Gatt qed jingħaqad mal-laqgħa permezz ta' *zoom*. Dan wara emendi fil-liġi li jgħamlu dan permessibbli.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti tas-seduta nru. 22 li saret nhar l-Erbgħa 13 ta' Jannar 2021.

2.2 Il-Minuti kienu ikkunsidrati moqrija u ġew approvati *nem con* wara proposta mill-Kunsillier Cuomo issekondata mill-Kunsillier Gaffiero.

2.3 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa b'urġenza tas-seduta nru. 23 li saret nhar l-Erbgħa 20 ta' Jannar 2021.

2.4 Il-Minuti kienu ikkunsidrati moqrija u ġew approvati *nem con* wara proposta mill-Kunsillier Brincat issekondata mill-Kunsillier Cuomo.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Fl-24 ta' Frar il-Ministru tat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo kkomunika mas-Sindku fejn infurmaha li se jsiru manutenzjonijiet fil-bankini fiż-żona tas-Sgħajtar. Dwar dan il-Kunsill laqgħa b'mod pożittiv sakemm issir il-kordinazzjoni meħtieġa mal-Kunsill.

3.3 Is-Sindku infurmat li l-Ministeru tal-Ambjent bagħat imejl fejn intalab proposti għaż-żoni miftuħa u ġonna pubbliċi. Is-Sindku bagħtet diversi proposti, dawn huma;

3.3.1 Tħaddir fil-Bypass ta' Birguma

3.3.2 Belvedere fit-Triq John Ayde

3.3.3 Nature Trail fit-Triq il-Fortizza tal-Mosta

3.3.4 Leisure Trail

3.3.5 Pjazza Santa Fawstina

3.3.6 L-art madwar il-Mitħna fejn jiġi park pubbliku

3.4 Is-Sindku nfurmat li kienet ikkomunikat mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet biex jagħtuha data meta x-xogħol pendenti tal-Ġnien Santa Marija tal-Anġli ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq se jkun skedat. Bħalissa l-ġnien jinsab bla dawl, id-Dipartiment infurmaha li huma jafu b'din il-problema u li d-dawl se jissewwa. Rigward il-*rubber flooring* is-Sindku ġiet infurmata li huma qed jaħdmu fuq il-kwotazzjonijiet. Rigward ix-xogħol tal-injam dan se jibda x-xahar id-dieħel. Id-Dipartiment qed jiddiskuti mal-Awtoritajiet dwar il-funtana. Is-Sindku infurmat lid-Dipartiment li aktar ma jitlesta x-xogħol malajr, aktar il-Kunsill ikun jista' jieħu ħsiebu wara li jsiru x-xogħlijiet meħtieġa.

3.5 Fid-9 ta' Frar is-Sindku kellha laqgħa tar-Reġjun Tramuntana.

3.5.1 Ġie diskuss fuq Community Policing, dan minħabba li ħafna mill-lokalitajiet tar-Reġjun għad m'għandhomx u għalhekk se ssir proposta Reġjonali.

3.5.2 Is-Sindku tal-Imġarr xtaq li ssir laqgħa mas-Sur Alan Deidun biex jispjega l-impatt ambjentali. Dan minħabba li minflok art agrikola se jsiru Solar Farms.

3.5.3 Ġie ppreżentat żewġ dokumenti fuq il-Waste Management.

3.5.4 Se jiġi ppubblikat ktieb fuq il-Kappelli li hemm fir-Reġjun Tamuntana.

3.5.5 Qed jiġi preparat is-sejħa tal-offerti ta' CCTV. Dan se jiġi ppubblikat fil-laqgħa li jmiss.

3.5.6 F'Novembru 2021, ir-Reġjuni se jsiru sitta minflok ħamsa.

3.5.7 F'Ottubru 2021 se ssir l-Elezzjoni għall-President tar-Reġjuni.

3.6 Fit- 18 ta' Frar saret laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija fejn ġie diskuss dan li ġej:

3.6.1 Ħdejn il-Higher Secondary kien hemm tabella ta' No Parking u din ġiet mgħottija bi sticker, dan allegatament biex il-hawker ikun jista' jipparkja hemmhekk.

3.6.2 Fit-Triq il-Fortizza tal-Mosta qed ikun hemm hawker fejn qed ikun hemm ħafna trakkijiet li jipparkjaw u anke ġieli *double parking*. Il-hawker kellem lis-Sindku u għandu jibgħat proposta. Fiż-żona kien hemm anke *mobile toilet* iżda dan issa tneħħa.

3.6.3 Fil-Football Ground ta' ħdejn it-Trade Fair Grounds qed ikun hemm diversi muturi fejn qed isir ħafna storbju u qed jinħoloq inkonvenjent għar-residenti.

3.7 Is-Sindku nfurmat li rċiviet kommunikazzjoni mingħand il-LESA fejn infurmaw li qed iħarrku l-*Caravans* fi Triq il-Kosta. LESA talbet lil Transport Malta biex jirmunkaw dawk li qed jiksru l-liġi. Ġew imħarka camper trailers li ma kienux irmunkati kif ukoll campervans li ma kellhomx liċenzja valida.

3.8 Is-Sindku infurmat li sar kisi mill-ġdid fi Triq San Gorg. Kien hemm problemi kbar tad-dranaġġ u tal-ilma però dawn issolvew. Ix-xogħol issa tlesta. Din ġiet iffinanzjata mill-fondi tal-Kunsill.

3.9 Fil-Ġnien il-Ħaddieda sar rinovar tal-ġnien. Hi infurmat li saret bankina ġdida u issa ġiet aċċessibli. Saru arbli tad-dawl ġodda. Is-Sindku qed tikkomunika ma' Greenpak sabiex isiru bankijiet u bins ġodda.

3.10 Is-Sindku semmiet dwar ix-xogħlijiet li bħalissa għaddej fuq il-proġett tal-mitħna. L-apperturi twaħħlu u bħalissa qed isir xogħol mill-kuntrattur tal-*Finishing Works.* Meta dan ikun komplut jibda x-xogħol tal-mekkeniżmu. Hi semmiet li dwar l-art ta' madwar il-mitħna il-Kunsill għadu qed jaħdem sabiex jikseb il-permess.

3.11 Rigward il-proġett tal-Outdoor gym, is-Sindku infurmat li l-Kunsill għadu qed jistenna għall-fondi tal-UIF sabiex isir il-kuntratt u jkun jista' jibda x-xogħol.

3.12 Is-Sindku infurmat rigward il-fondi li ġew mgħotija mill-Proġett LC Care sabiex jinxtraw affarijiet bżonjużi għal-qtates abbandunati. Il-Kunsill se jkollu *vouchers* tal-vet *examination* kif ukoll għal *microchipping.* Il-Kunsill se jkun qed jaħdem mal-petshop Pets and Vets ġewwa n-Naxxar. Il-Kunsill se jkollu wkoll gaġġeġ, kennels kif ukoll ikel. Fil-jiem li ġejjin il-Kunsill se jkun qed ivara dan il-proġett.

3.13 Is-Sindku infurmat li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali se tkun qed taħdem fuq proġett dwar il-kontroll tal-ħamiem. Se jkunu qed joħorġu sejħa pubblika fil-jiem li ġejjin sabiex ikun hemm kontroll fuq in-numru tal-ħamiem. Dan se jsir billi jingħata għalf li minnu nnifsu jnaqqas il-kapaċità tar-riporoduzzjoni tiegħu. Dan il-metodu ġie użat u pruvat fi bliet oħra Ewropej. Il-Kunsilli Lokali se jkunu jistgħu jagħmlu użu minn dan is-servizz fil-komunitajiet tagħhom.

3.14 Is-Sindku infurmat li s-Segretarju Parlamentari Stefan Zrinzo jixtieq jagħmel laqgħa mal-Kunsill. Għandu jsir ftehim meta din il-laqgħa se ssir. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa ssir aparti u mhux mal-laqgħa tal-Kunsill.

3.15 Dan il-ħin wasal il-Viċi Sindku l-ħin kien is-18:11.

**4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI**

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.2 Il-Kunsill approva (*nem com*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Abela. Dan jinkludu l-lista tal-pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nru. 8/24) kif ukoll ir-randikonti tad-dħul u ordnijiet u l-infiq mill-Petty Cash. Dawn huma annessi f'appendiċi A, B, Ċ u D rispettivament.

5.3 F'dan il-ħin il-Kunsillier Gatt informa li bħalissa qed jikkomunika ma *Safe Routes* u talab sabiex jgħaddi r-rapport ta' *slow street* lilhom. Il-Kunsill qabel.

**6. RAPPORT FINANZJARJU ANNWALI 2020**

6.1 Is-SE ippreżenta r-rapport finanzjarju annwali li kien intbagħat lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa (anness f'appendiċi E).

6.2 L-Accountant spjegat lill-Kunsillieri dan ir-rapport.

6.3 Wara spjega dettaljata mill-accountant fuq proposta mis-Sindku, li kienet issekondata mill-Kunsillier Cuomo, r-rapport finanzjarju annwali kien approvat *nem con.*

6.4 Is-SE fakkar li dan ir-rapport issa jgħaddi għall-verifika u jista' jkun li eventwalment ikunu suġġeriti xi aġġustamenti skont id-direzzjoni tal-awdituri.

**7. RAPPORT FINANZJARJU TAL-KWART OTT – DIĊ 2020**

7.1 Is-SE ippreżenta wkoll ir-rapport finanzjarju tar-raba' kwart tas-sena li kien intbagħat lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa (anness f'appendiċi F).

7.2 L-Accountant spjegat lill-Kunsillieri dan ir-rapport

7.3 Wara proposta tas-Sindku, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku il-Kunsill approva dan ir-rapport *nem con.*

**8. MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI**

8.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret fil-15 ta' Frar 2021 (anness f'appendiċi Ġ).

8.2 Il-Kunsill approva l-minuti *nem con* fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Deguara.

**9. MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI**

9.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tat-talbiet u lmenti li saret fil-15 ta' Frar 2021 (anness f'appendiċi Ħ).

9.2 Il-Kunsillier Cuomo talbet li terġa' ssir konsultazzjoni mill-ġdid mis-sottokumitat dwar każ numru 10473. Il-Kunsill qabel.

9.3 Il-Kunsill approva r-rapport fuq proposta mill-Kunsillier Abela ssekondata mill-Kunsillier Cuomo.

**10. ĊIRKULARI NUMRU *SPI/SCI/8/2020* – ESPRESSJONI TA' INTERESS – IL-BELT JEW RAĦAL KULTURALI TAS-SENA 2022**

10.1 Ġie deċiż sabiex isir sottokumitat sabiex jiddiskutu aktar fid-dettal din l-iskema. Is-sottokumitat se jkun magħmul mis-Sindku, il-Kunsillieri Brincat u Gaffiero.

**11. PROPOSTA GĦAL DOG PARKS F'BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

11.1 Il-Kunsillier Cuomo resqet din il-proposta fejn qalet li ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq hemm *open space* u din issir nofsha għal *dog park* u nofsha bħala *playgound*. Hi nfurmat li se tiċċekja x'hemm bżonn u jekk l-art hiex tal-Gvern jew tal-privat. Aktar il-quddiem il-Kunsill jibda jaħdem fuq din il-proposta.

**12. LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITÀ (APRIL 2021)**

12.1 Ġie deċiż li l-laqgħa annwali tal-lokalità se ssir fl-istess ġurnata tal-laqgħa tal-Kunsill fit-28 ta' April 2021.

**13. SKEMI MID-DLG U INIZJATTIVI TAR-REĠJUN TRAMUNTANA**

13.1 Is-SE informa li din l-iskema hija rigward l-immaniġġjar tal-iskart. Huwa kien kiseb l-assistenza minn GreenPak u għalhekk il-Kunsill qabel li tkun sottomessa l-applikazzjoni.

13.2 Ir-Reġjun Tramuntana bgħatu l-proposta tagħhom ukoll. Il-Kunsill se jinforma lir-reġjun li l-Kunsill se jissottometti l-applikazzjoni għalih innifsu u jekk ikun possibli tkun inkluża wkoll fl-istess ħin mal-proposta tar-Reġjun.

**14. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

14.1 Il-Kunsil qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-24 ta' Marzu 2021.

14.2 Il-Laqgħa ntemmet fis-19:19.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |